



Brussell, 6 ta' Ġunju 2018  
(OR. en)

**9786/18**

**SOC 376  
EMPL 301**

**NOTA PUNT "I/A"**

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8398/18
Suġġett:	Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-ħaddiema ħatra tas-Sa Thea TREIER, membru supplenti għall-Estonja, minflok is-Sa Carita RAMMUS, li rriżenjat

1. Is-Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Carita RAMMUS bħala membru supplenti tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għall-Estonja).
2. Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-Gvern tal-Estonja nnomina lill-kandidat li ġej għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2018<sup>1</sup>:

Is-Sa Thea TREIER  
Head of Working Life Development Department  
Ministry of Social Affairs of Estonia  
Suur-Ameerika 1  
EE-10122 Tallinn  
Tel: + 372 626 9821  
*e-mail: thea.treier@sm.ee*

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni huwa għalhekk mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

---

<sup>1</sup> ĠU C 348, 23.9.2016, p.3.

DEĊIJONI TAL-KUNSILL  
ta'  
li taħtar membru supplenti  
tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu.

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tal-20 ta' Settembru 2016<sup>3</sup>, tal-14 ta' Novembru 2016<sup>4</sup> u tat-28 ta' Novembru 2016<sup>5</sup>, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perijodu li jintemm fl-24 ta' Settembru 2018.
- (2) Konsegwentement għar-riżenza tas-Sa Carita RAMMUS, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.
- (3) Il-Gvern tal-Estonja ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>2</sup> ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU C 348, 23.9.2016, p.3.

<sup>4</sup> ĠU C 421, 16.11.2016, p. 4.

<sup>5</sup> L 327, 2.12.2016, p.77.

## Artikolu 1

Is-Sa Thea TREIER hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà tal-Moviment għall-Ħaddiema minflok is-Sa Carita RAMMUS għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2018.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ f'id-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President